**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 13 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Nadine Wallace**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Nadine Wallace** detentrici tal-karta tal-identita nurmu 53975M, giet akkuzata talli f'xi hin bejn l-24 ta' Gunju 2018 u s-26 ta' Gunju 2018 minn gewwa Seven, Flat.3 Triq il-Katidral, Sliema:

1. ikkommettiet serq ta' gojjelli u/jew affarijiet ohra ghad-detriment ta' Dorothy Trapani Galea u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-valur, hin, lok u l-persuna, liema ammont jeccedi s-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat li, fl-udjenza ta' llum stess, wara l-qari tal-akkuza bil-gurament, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata, ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha, f'liema ammissjoni hija baqghet tippersisti anki wara li inghatati z-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni kif migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba kontra taghha giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a) L-ammissjoni ta` l-imputata, li ghandha titqies bhala wahda bikrija;

b) L-oggetti mehuda mill-imputata gew ritornati tista' tghid minnufih;

c) Il-ko-operazzjoni evidenti tal-imputata mal-pulizija waqt l-investigazzjoni;

d) L-imputata ddispjaciha mill-ewwel ghal dak li ghamlet u hija ammettiet mill-ewwel fl-istqarrija rilaxxata lill-pulizija;

e) L-imputata ghandha impjieg fiss.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti sejra tinfliggi.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Nadine Wallace, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Decide**.

**Ghall-dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(c)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270, 279(b), 280(1) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lil **Nadine Wallace** hatja tal-imputazzjoni kif migjuba kontra taghha u tordna li titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lil Nadine Wallace bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* tista' tinghata sentenza ghar-reat li tieghu nstabet hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Nadine Wallace.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur